



2024-07-19
KN2024/01556 (parzjalment)

Ministeru tal-Klima u l-Intrapriża

Anness 2 li jakkumpanja n-notifika lill-Kummissjoni Ewropea skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-abbozz ta' Ordinanza li temenda l-Ordinanza (2020:750) dwar l-għajnuna mill-Istat għal ċerti vetturi ambjentali

L-Ordinanza li temenda l-Ordinanza (2024:21) li temenda l-Ordinanza (2020:750) dwar l-għajnuna mill-Istat għal ċerti vetturi ambjentali

Il-Gvern b'dan jistabbilixxi¹ li t-Taqsimiet 1, 2, 3, 4a, 6, 7 u 10 tal-Ordinanza (2020:750) dwar l-għajnuna mill-Istat għal ċerti vetturi ambjentali għandhom, minflok il-kliem fl-Ordinanza (2024:21) li temenda dik l-Ordinanza, jinqraw kif ġej.

Taqsima 1 Sabiex tippromwovi l-introduzzjoni fis-suq ta' magni tax-xogħol ambjentali, trakkijiet heavy-duty mingħajr emissjonijiet, trakkijiet ambjentali u trakkijiet li jaħdmu bil-gass, u sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-Aġenzija Żvediża tal-Enerġija tista' tipprovdi għajnuna mill-Istat fil-forma ta' għotjiet skont din l-Ordinanza għax-xiri ta' tali vetturi. L-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' għotjiet skont din l-Ordinanza tista' tingħata wkoll għall-kiri ta' trakkijiet heavy-duty, trakkijiet ambjentali jew trakkijiet li jaħdmu bil-gass mingħajr emissjonijiet.

¹ Ara d-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.

L-għotjiet se jiġu pprovduti jekk il-fondi jkunu disponibbli.

L-Ordinanza tinħareġ bis-saħħa tal-Kapitolu 8, it-Taqsima 11 tal-Istrument tal-Gvern fir-rigward tat-Taqsima 19 u l-Kapitolu 8, it-Taqsima 7 tal-Istrument tal-Gvern fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra.

Taqsima 2 Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

magna tax-xogħol ambjentali: makkinarju bil-mutur jew trattur skont l-Att dwar id-Definizzjonijiet tat-Traffiku fit-Toroq (2001:559), li għandu potenza netta ta' mill-inqas 15 kW u li huwa maħsub biex jaħdem bl-elettriku jew bil-fjuwils permessi skont l-Artikolu 36 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat;

trakk heavy-duty mingħajr emissjonijiet: trakk heavy-duty skont l-Att dwar id-Definizzjonijiet tat-Traffiku fit-Triq, li huwa vettura b'emissjonijiet żero skont it-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 2(102 g) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014;

trakk ambjentali: trakk heavy-duty skont l-Att dwar id-Definizzjonijiet tat-Traffiku fit-Triq, li huwa vettura nadifa skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(102f) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 u li jitħaddem parzjalment bl-elettriku jew bl-idroġenu;

trakk li jaħdem bil-gass: trakk heavy-duty skont l-Att dwar id-Definizzjonijiet tat-Traffiku fit-Triq maħsub biex jaħdem bil-bijogass;

ir-Reġistru Żvediż tat-Traffiku tat-Triq: il-ġbir tad-data msemmija fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Att dwar id-Data dwar it-Traffiku tat-Triq (2019:369);

lokazzjoni: il-kiri ta' trakk għal perjodu fiss tal-kiri ta' mill-inqas 12-il xahar;

lokatur: kwalunkwe persuna li tikri trakk għal perjodu fiss ta' kiri ta' mill-inqas 12-il xahar; u

lokatarju: kwalunkwe persuna li tikri vettura.

Fl-aspetti l-oħra kollha, il-kliem u l-espressjonijiet fl-Ordinanza għandhom l-istess tifsira bħal fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*.

Taqsimma 3 L-għajnuna tista' tingħata lil impriżi, municiipalitajiet u reġjuni għax-xiri ta' magna tax-xogħol ambjentali, trakk heavy-duty mingħajr emissjonijiet, trakk ambjentali jew trakk li jaħdem bil-gass li:

huwa jew se jkun irreġistrat f'konformità mal-Ordinanza (2019: 383) dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Użu tal-Vetturi;

2. titqiegħed fit-triq għall-użu f'konformità mal-Ordinanza dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Użu tal-Vetturi u ma tkunx tpoġġiet fit-triq qabel għall-użu f'konformità ma' dik l-Ordinanza; u

3. ma kinitx intużat qabel fl-Iżvezja jew xi mkien ieħor.

Tista' tingħata wkoll għajnuna għax-xiri ta' magna ekoloġika għat-twettiq ta' xogħol li ma tkunx intużat qabel fl-Iżvezja jew xi mkien ieħor, u li ma tkunx soġġetta għar-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni fl-Ordinanza dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Użu tal-Vetturi, dment li l-magna tkun tista' tiġi identifikata permezz ta' numru uniku ta' identifikazzjoni jew informazzjoni oħra li tippermetti l-identifikazzjoni tal-magna.

L-għajnuna skont l-ewwel paragrafu tista' tingħata wkoll lil impriża, municiipalità jew reġjun li jikri trakk heavy-duty mingħajr emissjonijiet, trakk ambjentali jew trakk li jaħdem bil-gass.

Taqsimma 4a L-għajnuna lill-impriżi għax-xiri jew il-lokazzjoni ta' trakkijiet heavy-duty jew trakkijiet ambjentali mingħajr emissjonijiet għandha tingħata biss f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I u l-

Artikolu 36b tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014.

Taqsim 6 Ma għandha tingħata l-ebda għajjnuna għax-xiri jew il-kiri ta' trakkijiet jew magni tax-xogħol ambjentali li:

1. li għandhom jinkisbu sabiex jissodisfaw obbligu skont il-liġi jew statut jew kundizzjoni oħra ta' permess; jew
2. ġew ordnati qabel ma tressqet it-talba għal għajjnuna lill-Aġenzija tal-Enerġija Żvediża.

Taqsim 7 L-ispiża eliġibbli fil-każ ta' xiri hija d-differenza fil-prezz bejn il-magna tax-xogħol ambjentali, it-trakk heavy-duty mingħajr emissjonijiet, it-trakk ambjentali jew it-trakk li jaħdem bil-gass u l-eqreb vettura komparabbli.

Taqsim 10 L-applikazzjonijiet għall-għajjnuna għandhom isiru bil-miktub u jiġu sottomessi b'mod elettroniku lill-Aġenzija Żvediża tal-Enerġija bil-mod preskritt mill-aġenzija. L-applikazzjoni għandu jkun fiha:

1. l-isem u n-numru tar-reġistrazzjoni korporattiva tal-applikant;
 2. l-għadd ta' magni tax-xogħol ambjentali, trakkijiet heavy-duty mingħajr emissjonijiet, trakkijiet ambjentali jew trakkijiet li jaħdmu bil-gass li l-applikazzjoni hija relatata magħhom;
 3. dokumentazzjoni li turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 6 ġew issodisfati;
 4. informazzjoni dwar l-ispejjeż eliġibbli, u
 5. dettalji ta' kwalunkwe għajjnuna pubblika oħra li tkun saret applikazzjoni għaliha jew li tkun ingħatat u li tkun relatata mal-istess ispejjeż eliġibbli bħall-applikazzjoni.
- Jekk l-applikant huwa impriża, l-applikazzjoni għandha tinkludi wkoll informazzjoni dwar in-numru ta' impjegati, il-fatturat annwali u t-total tal-karta tal-bilanċ.